# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C‑235/14**

**Safe Interenvios SA**
**vs**
**Liberbank SA *et***

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Barcelona)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta’ ħasil tal-flus u ta’ finanzjament tat-terroriżmu — Direttiva 2005/60/KE — Miżuri ta’ diliġenza fir-rigward tal-klijenti — Direttiva 2007/64/KE — Servizzi ta’ ħlas fis-suq intern”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-10 ta’ Marzu 2016

1. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu — Direttiva 2005/60 — Obbligi ta’ diliġenza tal-istabbilimenti finanzjarji fir-rigward tal-klijenti tagħhom — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza l-adozzjoni ta’ miżuri ta’ diliġenza msaħħa fir-rigward ta’ stabbilimenti jew ta’ persuni suġġetti għad-direttiva fil-każ ta’ suspett ta’ ħasil tal-flus jew ta’ finanzjament tat-terroriżmu — Ammissibbiltà*

   *(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2005/60, kif emendata bid-Direttiva 2010/78, Artikoli 5, 7, 11(1) u 13)*

2. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu — Direttiva 2005/60 — Armonizzazzjoni minima*

   *(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2005/60, kif emendata bid-Direttiva 2010/78)*

3. *Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu — Direttiva 2005/60 — Obbligi ta’ diliġenza tal-istabbilimenti finanzjarji fir-rigward tal-klijenti tagħhom — Poteri tal-imsemmija stabbilimenti li jadottaw miżuri ta’ diliġenza — Limiti — Osservanza tar-rwol ta’ sorveljanza rriżervat lill-awtoritajiet kompetenti*

   *(Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2005/60, kif emendata bid-Direttiva 2010/78, Artikoli 8(2), 9(5) u 37, u 2007/64, kif emendata bid-Direttiva 2009/111, Artikolu 21)*

4. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Projbizzjoni — Portata*

   *(Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE)*

5. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu — Direttiva 2005/60 — Obbligi ta' diliġenza tal-istabbilimenti finanzjarji fir-rigward tal-klijenti tagħhom — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza l-applikazzjoni, minn stabbiliment ta' kreditu, ta' miżuri ta' diliġenza msaħħa fir-rigward ta' stabbiliment ta' ħlas — Ammissibbiltà — Kundizzjoni — Osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

   *(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2005/60, kif emendata bid-Direttiva 2010/78, Artikoli 5 u 13)*

6. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Libertà ta' stabbiliment — Restrizzjonijiet — Ġustifikazzjoni għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali — Evalwazzjoni fid-dawl ta' prinċipji ġenerali tad-dritt — Inammissibbiltà ta' miżuri inkompatibbli mad-drittijiet fundamentali*

   *(Artikolu 52 TFUE u 62 TFUE)*

7. *Domandi preliminari — Ammissibbiltà — Neċessità li tingħata informazzjoni suffiċjenti lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kuntest fattwali u leġiżlattiv — Portata*

   *(Artikolu 267 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 23; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 94)*

8. *Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Limiti — Ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali — Stabbiliment u evalwazzjoni tal-fatti tat-tilwima — Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja*

   *(Artikolu 267 TFUE)*

1. L-Artikoli 5, 7, 11(1) u 13 tad-Direttiva 2005/60/KE, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata bid-Direttiva 2010/78, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, minn naħa, tawtorizza l-applikazzjoni ta' miżuri ta' diliġenza normali fir-rigward tal-klijenti sa fejn dawn ikunu stabbilimenti finanzjarji li l-konformità tagħhom ma' miżuri ta' diliġenza tkun suġġett għal superviżjoni fil-każ ta' suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 7(c) ta' din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, timponi lill-istituzzjonijiet u lill-persuni suġġetti għall-imsemmija direttiva japplikaw, skont l-evalwazzjoni tar-riskju tagħhom, miżuri ta' diliġenza msaħħa fir-rigward tal-klijenti f'sitwazzjonijiet li, min-natura tagħhom, jista' jkollhom riskju ikbar ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 13(1) ta' din l-istess direttiva, bħat-trasferiment ta' fondi.

Fil-fatt, minkejja d-deroga prevista fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2005/60, l-Artikoli 7 u 13 ta' din id-direttiva jobbligaw lill-Istati Membri jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-persuni suġġetti għall-imsemmija direttiva japplikaw, fis-sitwazzjonijiet li jikkonċernaw klijenti, huma stess istituzzjonijiet jew persuni suġġetti għad-Direttiva dwar il-ħasil tal-flus, il-miżuri ta' diliġenza normali fir-rigward tal-klijenti skont l-Artikolu 7(c) ta' din id-direttiva u l-miżuri ta' diliġenza msaħħa fir-rigward tal-klijenti skont l-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva fis-sitwazzjonijiet li min-natura tagħhom jistgħu jippreżentaw riskju ikbar ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu. Barra minn hekk, anki fin-nuqqas ta' tali suspett jew ta' tali riskju, l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva jippermetti lill-Istati Membri jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet iktar stretti, meta dawn id-dispożizzjonijiet ikunu intiżi li jsaħħu l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

(ara l-punti 75, 80 u d-dispożittiv 1)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 76, 79)

3. Id-Direttiva 2005/60, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata bid-Direttiva 2010/78, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-istabbilimenti u l-persuni suġġetti għal din id-direttiva ma jistgħux jikkompromettu l-kompitu ta' sorveljanza tal-istabbilimenti tal-ħlas li, skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2007/64, dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva 2009/111, huma inkarigati bih l-awtoritajiet kompetenti, u ma jistgħux jissostitwixxu lil dawn l-awtoritajiet. Id-Direttiva 2005/60 għandha tiġi interpretata fis-sens li, filwaqt istituzzjoni finanzjarja tista', fil-kuntest tal-obbligu ta' sorveljanza li għandha fir-rigward tal-klijenti tagħha, tieħu inkunsiderazzjoni l-miżuri ta' diliġenza applikati minn istituzzjoni ta' ħlas fir-rigward tal-klijenti tagħha stess, il-miżuri ta' diliġenza kollha għandhom jiġu adattati għar-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu.

Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2005/60, l-istabbilimenti u l-persuni suġġetti għal din id-direttiva għandhom ikunu f'pożizzjoni li juru lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 37 tal-imsemmija direttiva li l-portata tal-miżuri meħuda fil-kuntest tal-obbligu tagħhom ta' diliġenza fir-rigward tal-klijenti, liema portata tista' tiġi ddeterminata skont ir-riskju assoċjat mat-tip ta' klijent, ta' relazzjoni kummerċjali jew ta' prodott jew tat-tranżazzjoni kkonċernata, hija adatta fid-dawl tar-riskji ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu. F'dan ir-rigward, tali miżuri għandhom ikollhom rabta konkreta mar-riskju ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu u jkunu proporzjonati ma' dan ir-riskju. Isegwi li miżura bħat-terminazzjoni ta' relazzjoni kummerċjali, prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(5) tad-Direttiva 2005/60, ma għandhiex tiġi adottata fid-dawl tal-Artikolu 8(2) tal-imsemmija direttiva, fin-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti marbuta mar-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu.

(ara l-punti 86, 87, 93 u d-dispożittiv 2)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 98, 100)

5. L-Artikoli 5 u 13 tad-Direttiva 2005/60, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif emendata bid-Direttiva 2010/78, għandhom jiġu interpretati fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tkun ġiet adottata meta Stat Membru għamel użu mill-marġni ta' diskrezzjoni li l-Artikolu 13 ta' din id-direttiva jagħti lill-Istati Membri, jew mill-kompetenza msemmija fl-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, għandha tkun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, mal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattati. Minkejja li tali leġiżlazzjoni nazzjonali li hija intiża għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu jkollha għan leġittimu li jista' jiġġustifika restrizzjoni tal-libertajiet fundamentali u minkejja li l-preżunzjoni li t-trasferimenti ta' fondi minn stabbiliment suġġett għall-imsemmija direttiva fi Stati għajr dak li fih huwa stabbilit dejjem ikollhom riskju ikbar ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu, hija adatta sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan, din il-leġiżlazzjoni madankollu tkun tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju għall-finijiet tal-għan li hija ssegwi, sa fejn il-preżunzjoni li hija tistabbilixxi tapplika għal kull trasferiment ta' fondi, mingħajr ma tipprevedi l-possibbiltà li tikkonfutaha fil-każ ta' trasferimenti ta' fondi li oġġettivament ma għandhomx tali riskju.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-evalwazzjoni tar-riskju ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu, din l-analiżi tar-riskju għandha tieħu inkunsiderazzjoni, mill-inqas, il-fatti kollha rilevanti li jkunu jistgħu juru r-riskju ta' wieħed mit-tipi ta' aġir li jitqies li jikkostitwixxi ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.

(ara l-punti 108, 111 u d-dispożittiv 3)

6. Meta Stat Membru jinvoka raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali sabiex jiġġustifika leġiżlazzjoni li tista' tostakola l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, din il-ġustifikazzjoni, prevista mid-dritt tal-Unjoni, għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari tad-drittijiet fundamentali li issa huma ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tista' tibbenefika mill-eċċezzjonijiet previsti biss jekk tkun konformi mad-drittijiet fundamentali li l-Qorti tal-Ġustizzja tiggarantixxi r-rispett tagħhom.

(ara l-punt 109)

7. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 114-116)

8. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 119)